TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 81/12

**Marthese Vella**

**vs**

**The Notebook Centre**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sebgħa w disgħin ewro (€97), rappreżentanti l-prezz sabiex jissewwa l-*laptop* peress illi f'parti mill-*laptop* kien hemm qasma.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *laptop* mingħand id-ditta ntimata u wara xi żmien ilmentat illi minħabba xi sħana kien hemm *crack* ossija qasma fuq il-ġenb tal-*laptop* illi qed tallega li huwa t-tort tas-soċjeta' ntimata.

L-intimat issottometta li kull *laptop* jisħon wara ċertu żmien u li l-*crack* mhijiex riżultat tas-sħana imma li qala' xi daqqa, minħabba l-fatt illi bis-sħana ma ssirx *crack*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll spezzjona dan il-*laptop* u jikkonsidra illi bis-sħana ma ssirx *crack* imma *se mai* ssir jew xi bużżieqa jew xi tip ta' ħaġ'oħra.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888